## CASSOLA BĦALA AWTUR DRAMMATIKU

*L-IL Bertu Cassola jien dejjem qistu fost l-ewlenin awturi drammatiċi Maltin għall-oriġinalità u għan-naturalezza tiegħu: hu għandu sengħa speċjali li biha jagħti sura u xejra lix-xogħlijiet teatrali tiegħu u li minħabba f'hekk ingħażlu minn dawk ta' awturi oħrajn; b'dan ma rridx infisser biss l-istil ta' Cassola, għax kull awtur għandu l-istil tiegħu għalih, iżda dan l-awtur żagħżugħ għandu xeħta tiegħu waħdu, xeħta li tnissel ħajja u ħrara fis-suġġett u fl-azzjoni tal-produzzjonijiet tiegħu.*

*Cassola għandu pinna ħarkiena u moħħ fertili, u hu jaf inqeda b'dawn iż-żewġ għotjiet ħalli jsawwar xogħlijiet skond ma titlob is-sengħa drammatika moderna. Il-lum spiċċa dak iż-żmien meta awtur drammatiku kien jagħmel isem billi jagħti libsa ġdida lil persunaġġi qodma; il-palk modern irid biss oriġinalità u sempliċità u ma jikkuntentax bi tqanżiħ, sentimentaliżmu u frugħa. Fl-aħħar kwart ta' dan is-seklu saret tibdila ġdida fl-arti drammatika. Wara l-konkorrenza qawwija tal-films u tat-talkies, kien jinħtieġ li l-palk jitnaddaf sewwa mill-għanqbut tal-konvenzjonaliżmu u mill-għabra tal-konswetudini u, biex jitwettaq dan, kellha ssir tferfira ta' ħeġġa u tqanqila ta' ħrara, imseħbin ma' ħila u ma' rieda fost il-kittieba; hekk issawret għamla ġdida u oriġinali ta' xogħlijiet drammatiċi li setgħu jiġbdu b'qawwa lil dawk li jħobbu jmorru t-teatru. Dan sar l-aktar bis-saħħa ta' oriġinalità u sempliċità, u l-lum produzzjonijiet neqsin minn dawn iż-żewġ ħtiġijiet, ma għandhom l-ebda effett fuq l-udjenzi u ma jiksbu l-ebda ġieħ lill-awtur.*

*Bħalma għidna, l-opri ta' Cassola jolqtu lil min jaqrahom fi ktieb u lil min jarahom fuq il-palk, għax huma oriġinali, iżda l-awtur hu mħarreġ tajjeb ukoll bħala attur u għalhekk hu jsensel it-teknika ma' l-arti biex isawwar komposizzjoni mexxejja, sabiħa u interessanti.*

*F'din il-biċċa xogħol li sa jaqra, il-qarrej iħoss bħal ħarira satirika li ddomm il-ġrajja kollha mill-bidu sat-tmiem, imma l-awtur ma jorbotx fuq l-effett satiriku biss biex jogħġob lill-qarrej, imma jinqeda wkoll bil-parodija, jinbex b'xi daqsxejn ta' umoriżmu u fuq kollox ilaqqa' sitwazzjonijiet li jiġru kuljum u jikteb kliem li jgħidu kulħadd, biex jagħti bixra ta' attwalità; b'hekk, għalkemm ix-xena tiġri f'post ideali li ħadd ma rah, (u nittamaw li ħadd minna ma għad jarah!), iċ-ċirkostanzi tal-ġrajja huma maqlugħin u mfissra bi kliem u b'għemil mgħżula mill-ħajja ta' kuljum u għalhekk ma jistgħux ma jinteressawx lil kulħadd. Minn hekk titnissel il-popolarità ta' l-opri teatrali u għalhekk il-produzzjonijiet ta' Cassola huma, bil-ħaqq kollu, wisq popolari.*

ĠUŻE' GALEA.



---

# Pape Satan Aleppe ...

*Kummiedja f'Att Wieħed ta'* ALBERT M. CASSOLA

**PERSUNAĠĠI**

DEMONJU
LUĊIFRU
ĠUDA KAROTA
SANTINU
XITANA.

*L-INFERN*

DEMONJU: (*ikebbes in-nar*) Baqgħalna faħam għal-lejla, mgħallem?

LUĊIFRU: Imissu le! Daħħalha f'moħħok darba għal dejjem li l-faħam hawn ġew ma jispiċċalna qatt. Min jiġi hawn jibqa' jinħaraq għall-eternità.

DEMONJU: Imma jien għoddni xxawwatt!...

LUĊIFRU: M'intix waħdek. Jien ili iżjed minnek hawn; jien l-iktar wieħed li ili.

DEMONJU: X'mument misħut kien li tefgħuni fl-abissi! Tbatija u xogħol iebes biss.

LUĊIFRU: Anzi m'intix taħdem biżżejjed. Qiegħed titnikker. Ara rasek jekk ma tirbaħx erwieħ iżjed! Qiegħed titgħażżen wisq. Ma kontx hekk, int. Ibża' mill-qilla tiegħi!

DEMONJU: (*imbikkem*) Aħfirli, Satana. Jiena nagħmel mill-aħjar li nista' biex inġib lil ħaddieħor miegħi. Speċjalment lill-ħbieb! La darba tliftha jien, nixtieq nara lil kulħadd jitlifha bħali l-ġenna!

LUĊIFRU: Barra minn hawn! La ssemmihx dak il-post! Inti